

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Biohealth Italia Srl (Rivoli, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzuża: it-trade mark verbali tal-Unjoni – trade mark tal-Unjoni Nru 12 744 901

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 178/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017 – Moreira vs EUIPO – Da Silva Santos Júnior (NEYMAR)

(Kawża T-795/17)

(2018/C 063/19)

Lingwa tar-rikors: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Carlos Moreira (Guimarães, il-Portugall) (rappreżentant: T. Soares Faria, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Neymar Da Silva Santos Júnior (Barcelona, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark verbali “NEYMAR” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 432 044

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 80/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara validita, skont l-Artikolu 52(1)(b) u l-Artikolu 53(2)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark “NEYMAR” Nru 00000 proprijetà ta' Carlos Morreira, għall-prodotti u servizzi kollha li għalihom għiet irreġistrata din it-trade mark;

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2017 — Správa železniční dopravní cesty vs Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)

(Kawża T-815/17)

(2018/C 063/20)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Správa železniční dopravní cesty, státní organizace (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: F. Korbel, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2014) 8572, referenza INEA/ASI/MZ apr Ares(2017), tal-11 ta' Ottubru 2017.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni tar-rabta bejn il-kuntratti pubbliċi "Analiżi mill-aspett tal-inġenerija u tal-ambjent tal-linjal ferrovjarja ġdida Losovice-Dresden fit-territorju tar-Repubblika Ċeka", "Evalwazzjoni tal-proġett tal-linjal ferrovjarja ġdida Praga-Dresden fit-territorju tar-Repubblika Ċeka" u l-Linjal ġdida Litoměřice-Ústí nad Labem – il-fruntiera Ġermaniża".

Skont id-deċiżjoni kkontestata, dawn il-kuntratti pubbliċi huma strettament marbuta flimkien u kellhom ikunu s-suġġett ta' sejħa għall-offerti unika peress li jaqbżu l-limitu. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni legali żbaljata tal-każ; is-suġġett ta' dawn il-kuntratti pubbliċi huwa distint wieħed mill-ieħor u l-implementazzjoni tagħhom kienet tinħtieġ kwalifikati professjonali differenti.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-assenza fid-deċiżjoni kkontestata ta' raġunijiet konkreti biżżejjed dwar ir-rabta bejn il-kuntratti pubbliċi, u b'mod partikolari

- ma tindikax raġunijiet iddettaljati għar-rabta teknika bejn il-kuntratti pubbliċi, rabta li tiddeduçi hija stess b'mod inkorrett;
- ma tindikax b'mod speċifiku liema leġiżlazzjonijiet nazzjonali u Ewropej inkisru;
- ma tindika l-ebda kunsiderazzjoni li tista' tigħiġi vverifikata dwar l-elementi li servew ta' gwida għall-konvenuti u, l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni minnhom, jew le, sabiex wasslu għad-deċiżjoni tagħhom fuq l-ammont reali li huma jindikaw bħala mhux eliġibbi.